MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 627/2004

**The Golden Shepherd Group Limited**

**Vs**

**Rosina Darmanin u b'digriet tad-19 ta' Mejju, 2004 gie msejjah fil-kawza Dr Pio Valletta**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u dsatax-il lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm419.54c) rapprezentanti prezz ta' servizzi u kura medika pprovduti lilha fuq ordnijiet taghha stess.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet li l-hlas mhux dovut minnha izda mill-Avukat Dr Pio Valletta li ghandu jigi msejjah fil-kawza. Illi hija kienet iddahlet fl-Isptar St Philip's fuq insistenza ta' l-Avukat Dr Pio Valletta li kien obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha.

Ra d-digriet tad-19 ta' Mejju, 2004 li bih gie msejjah fil-kawza l-Avukat Dr Pio Valletta.

Ra r-Risposta ta' Dr Pio Valletta li biha eccepixxa li hu m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u wisq anqas mal-konvenuta u ghalhekk ma jistax jinzamm responsabbli ta' xi hlas marbut ma' servizzi u kura medika pprovduti lill-konvenuta fuq ordnijiet taghha.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' John Depasquale, Rosina Darmanin, Dr Stefan Fenech MD, Marion Beck, Antoinette Attard u ta' Dr Pio Valletta.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr James Bannister ghas-socjeta' attrici, Dr Frank Cassar ghall-konvenuta u Dr Pio Valletta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta ddahlet fl-Isptar St Philip's ghall-kura medika u dan a bazi ta' *pre-registration form* Dok. JV1 a fol 13 tal-process.

Jirrizulta wkoll illi m'hemmx kontestazzjoni fuq in-natura tas-servizzi rezi u lanqas fuq il-*quantum* tal-kont. Il-kontestazzjoni f'din il-kawza tirrigwarda min mill-konvenuti huwa responsabbli ghall-kont tas-socjeta' attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi ghall-perjodu ta' xi hdax-il sena l-konvenuta u l-kjamat in kawza kellhom relazzjoni flimkien u kienu jghixu flimkien u fil-fatt fil-medda ta' dak iz-zmien il-konvenuta kienet finanzjarjament totalment dipendenti minn Dr Pio Valletta. Ma kienetx l-ewwel darba li l-konvenuta marret l-Isptar St Philip's u f'okkazjonijiet precedenti l-kontijiet relattivi kien jiehu hsiebhom Dr Pio Valletta. Huwa kien jiehu hsieb anki kontijiet ohrajn.

Fiz-zmien meta l-konvenuta dahlet fl-Isptar St Philip's mertu tal-kawza odjerna, r-relazzjoni ta' bejniethom ma kienetx wahda felici u kienu qed jinqalghu argumenti u

kien proprju minhabba f'dan l-inkwiet personali ta' bejniethom li nhass il-bzonn li l-konvenuta tiddahhal l-isptar.

Fil-fatt kien imsejjah id-dar taghha Dr Stefan Fenech li rrakkomanda li hija mmedjatament tmur l-isptar u t-Tribunal huwa sodisfatt li fil-fatt jirrizulta li ghall-bidu hija kienet se tmur l-Isptar San Luqa.

F'dak il-mument jirrizulta li saret telefonata lil Dr Pio Valletta u li tkellmu bejniethom Antoinette Attard (oht il-konvenuta) u Dr Pio Valletta izda f'dan ir-rigward hemm kunflitt tal-verzjonijiet ta' bejniethom. Dr Pio Valletta jsostni illi fil-fatt kienet il-konvenuta u/jew ohtha li ddecidew li tmur St Philip's u li lilu qalulu biss ghal skopijiet ta' informazzjoni. Il-konvenuta tghid li f'dak il-mument hija tant kienet ma tiflahx li lanqas kien jinteressaha fejn kienet ser tmur, hux post jew iehor u tghid li fil-fatt kienet fuq insistenza ta' Dr Pio Valletta li hija tmur proprju l-Isptar St Philip's. Antoinette Attard tafferma wkoll illi kien l-istess Dr Pio Valletta li nsista li hi tmur St Philip's u mhux St Luke's. Dr Stefan Fenech ma setax jghid jekk kienetx fuq insistenza ta' Dr Pio Valletta jew le li l-konvenuta tmur St Philip's.

Waqt it-trattazzjoni l-kjamat in kawza semma' illi huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u li inoltre, jekk il-konvenuta tesigi xi hlas minghandu, tali pretenzjoni tkun ibbazata fuq il-konkubinagg li huwa stat illecitu u bhala tali ma johloq l-ebda rabta legali.

Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jigi ribadit illi dan it-Tribunal huwa marbut skond il-ligi illi jiddeciedi l-kawzi principalment fuq bazi ta' ekwita'.

M'ghandux ghalfejn joqghod jintilef f'hafna legalitajiet u l-iskop kollu ta' dan it-Tribunal huwa biex il-procedura tkun semplici u li jkunu l-fatti li jiddeterminaw il-kwistjoni, tenut kont ta' dak li huwa gust u ekwu. B'danakollu t-Tribunal ma jsib xejn illecitu jew immorali li zewg persuni jghinu lil xulxin biex jirrinfaccjaw il-problemi tal-hajja u d-diffikultajiet finanzjarji. Min jghin mod u min jghin mod iehor.

Tenut kont tal-premess, ghalkemm dak li kien jigri bejn il-konvenuta u l-kjamat in kawza fil-passat, fis-sens illi storikament il-kjamat in kawza kien dejjem jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha finanzjarji li kien ikollha bzonn il-konvenuta, ma jfissirx li dan jghodd ghall-futur. Izda ma jistax jigi njorat il-fatt li dak iz-zmien li l-konvenuta ddahlet l-isptar ir-relazzjoni taghhom ma kienetx ghadha ntemmet izda ntemmet xi ftit aktar minn xahar wara. F'dak il-mument certament il-konvenuta kellha *a legitimate expectation* li l-kont relattiv jithallas mill-istess kjamat in kawza.

Sa dak il-mument kienu ghadhom flimkien, fil-passat huwa kien dejjem hallas il-kontijiet. Huwa kien jaf li sejra St Philip's u kien jaf ukoll li finanzjarjament hija ma kellhiex minfejn thallas. M'ghamel l-ebda lment li hija marret l-isptar stante li huwa mar jaraha regolarment u anki meta kienet giet *released* kien hu stess li mar maghha biex tohrog mill-isptar. Fl-ebda mument ma lmenta li marret hemmhekk jew ilmenta li m'ghandux ihallas. Anzi, meta l-atturi kkomunikaw mieghu ghall-hlas, hu ma cahadx u ma nnegax li seta' qal li c-cheque kien qieghed fil-posta. Il-problemi bdew iqumu wara li r-relazzjoni ta' bejniethom intemmet u bdew jidhlu d-diskussjonijiet bejn l-avukati.

Illi ghal dan it-Tribunal, dak li huwa rilevanti huwa x'kien il-ftehim meta l-konvenuta ddahlet l-isptar – xejn aktar u xejn anqas. It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li l-konvenuta emmnet verament illi l-kont relattiv ta' l-isptar kien ser jithallas mill-kjamat in kawza. Jekk ma kienx hemm ftehim espress certament kien hemm ftehim tacitu u ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex il-konvenuta kellha tahseb li kien ser ikun hemm xi devjazzjoni minn dak li kien jigri qabel stante li ma kien hemm l-ebda oppozizzjoni da parti tal-kjamat in kawza hlief fuq il-kontijiet tat-telefon li fil-fatt thallsu mill-istess konvenuta.

Mis-servizz in kwistjoni t-tnejn li huma hadu xi forma ta' beneficcju.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi huwa gust u ekwu illi fic-cirkostanzi kollha kif inhuma, l-kjamat in kawza ghandu jerfa' parti mir-responsabbilta' ghall-hlas tal-kont mertu tal-kawza odjerna u li l-kont tas-socjeta' attrici ghandu jinqasam ugwalment bejn il-konvenuta u l-kjamat in kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi t-talba attrici tinsab debitament pruvata u ghar-ragunijiet fuq esposti, ghandha tigi akkolta kwantu ghas-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm209.77c) fil-konfront tal-konvenuta u mitejn u disa' liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm209.77c) fil-konfront tal-kjamat in kawza, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-konvenuta u l-kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------